# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**Magistrat**

**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 632/2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nicholas Vella)**

**vs**

**CHRISTOPHER SANT**
**(ID: 562477M)**

**Illum, 27 ta' Marzu 2019**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputat **CHRISTOPHER SANT** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 562477M tressaq quddiemha akkuzat talli:

a. Fl-4 ta' Awwissu 2015 ghall-habta tas-17:40hrs gewwa il-Bidnija, Limiti tal-Mosta volontarjament gharraq, hassar jew kisser hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli cioe' hsara fuq il-vettura ta' ghamla Mitsubishi b'numri ta' registrazzjoni FCD 823, liema hsarat jiswew iktar minn 2500 ewro ghad-detriment ta' Gail Berry u/jew persuni ohra.

b. Talli fl-istess data, hin u cirkostanza bil-hsieb li jikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Gail Berry u Luke Sant wera dan il-hsieb b'atti esterni li taw il-bidu ta l-esekuzzjoni tad-delitt izda dan id-delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u/jew indipendenti mill-volonta' tieghu.

c. Talli fl-istess data, hin u cirkostanza waddab gebel jew hwejjeg ohra iebsin fid-direzzjoni ta' Gail Berry u Luke Sant

d. Talli fl-istess data, hin u cirkostanza hebb ghal Gail Berry u Luke Sant u kkagunalhom offiza ta' natura hafifa skond kif iccertifikat minn Dr Owen Mifsud, Med reg 2953 tac-Centru tas-Sahha, Mosta.

e. Talli fl-istess data, hin u cirkostanza bl-imgieba tieghu, ikkaguna lil Gail Berry u Luke Sant biza li se tintuza vjolenza kontra taghhom jew kontra il-propjeta' taghhom jew kontra il-persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa jew familjari ohra taghhom.

f. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanza volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u storbju.

g. Talli fl-istess data, hin u cirkostanza volontarjament qal kliem oxxen li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku.

h. Talli fl-istess data, hin u cirkostanza insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil Gail Berry minn Naxxar u lil Luke Sant mill-Bidnija.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex illi f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Antonella Brincat ID: 433981M flimkien mal-piena, u torbot lil hati b' obbligazzjoni taht penali ta' somma flus li tigi ffisatta mill-Qorti.

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali moghti ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali biex il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Rat illi l-imputat iddikjara li ma ghandux oggezzjoni li l-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja minn din il-Qorti[1];

Rat illi din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif preseduta permezz ta' digriet moghti mis-Sinjorija Tieghu l-Onorevoli Prim'Imhallef, b'effett mis-16 ta' Lulju 2018;

Rat it-traskrizzjonijiet tad-depozizzjonijiet tax-xhieda li xehdu quddiem il-Qorti diversament preseduta, u rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Rat li giet ezentata mill-partijiet milli terga' tisma' x-xhieda li kienu xehdu quddiem il-Qorti diversament preseduta;

Semghet is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet waqt l-udjenza tal-14 ta' Frar 2019;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Dan il-kaz jirrigwarda incident li sehh fil-Bidnija, limiti tal-Mosta fl-4 ta' Awwissu 2015. Il-fatti in succint huma illi Gail Berry u Luke Sant dahlu bil-vettura Mitsubishi FCD-823 fil-passagg privat li huwa komuni bejn l-imputat u l-

[1] Fol. 25.

familja ta' Luke Sant, liema passagg iwassal ukoll lir-residenza ta' Luke Sant. Jirrizulta li bejn l-imputat u l-familja ta' Luke Sant hemm xi dizgwid rigward il-proprjeta` taghhom fl-inhawi u r-relazzjonijiet familjari m'humiex mill-iktar felici. L-imputat, li dak il-hin kien qed ihawwel xi sigar fil-gnien tieghu li jigi biswit dan id-drive-in, talabhom biex jaghlqu l-grada warajhom u filwaqt li Gail Berry spjegatlu li kienu ser idumu ftit minuti biss sakemm ihottu xi haxix mid-dar ta' Luke Sant u jergghu johorgu, il-grada ma ghalquhiex. Sadanittant, l-imputat ipparkja l-vettura tieghu quddiem il-grada biex meta l-imsemmija persuni gew biex johorgu wara ftit minuti, sabu l-hrug taghhom imblukkat bil-vettura tal-imputat. Kif Gail Berry harget mill-karozza taghha, dak il-hin misjuqa minn Luke Sant, u talbet lill-imputat inehhi l-vettura tieghu minn quddiem il-kancell, l-imputat beda jwaddab diversi gebel li qala' mill-hajt tas-sejjieh li kien hemm quddiemu, lejn il-vettura ta' Gail Berry.

**<u>L-Ewwel Imputazzjoni</u>**

L-ewwel imputazzjoni taddebita lill-imputat ir-reat ta' hsara volontarja fuq il-vettura Mitsubishi bin-numru ta' registrazzjoni FCD-823 liema hsarat jeccedu fil-valur is-somma ta' €2,500, ghad-detriment ta' Gail Berry u/jew persuni ohra.

Dwar din l-imputazzjoni, ftit hemm x'jinghad. Huwa prattikament inkontestat mill-imputat illi huwa waddab diversi gebel ljen il-vettura Mitsubishi FCD-823 liema vettura jirrizulta li hija proprjeta` ta' Gail Berry u tinsab licenzjata f'isimha[2].

L-imputat xehed hekk:-

*"Dak il-hin [Gail Berry] bdiet tghidli biex innehhi l-karozza b'xi dritt u jiena ntlift u tfajt gebla fuq il-windscreen. ... Jiena ma tfajtx il-gebla fid-direzzjoni ta'*

[2] Ara fol. 34; xhieda ta' Gail Berry in kontro-ezami a fol. 128; u fol. 148

*Gail izda tfajtha fid-direzzjoni tal-vettura li hija direzzjoni ohra, anke l-filmati jixhduh dan u fil-fatt il-cameras il-filmati jixhdu dak li effettivament gara."*[3]

L-imputat jipprova jiggustifika l-agir tieghu billi jghid illi Gail Berry, wara li harget mill-karozza u staqsietu biex iressaq il-karozza tieghu minn quddiem ix-xatba, "*flok ma qaltli ha tmur tkellmu* [lil ziju Gustu] *kompliet tavvicinani u tipprovokani u riedet tkun taf ghaliex*."[4]

Kompla jghid illi l-agir ta' Gail Berry pprovokah, ghaliex huwa hass illi Gail:-

"*... baqghet miexja fid-direzzjoni tieghi u kellha ton partikolari. .... hassejt illi t-ton taghha li hija xi haga superjuri fuqi. Hassejt li kienet qisha qed titkellem mieghi qisni kont xi tarbija li jiena ma ghandni dritt ghal xejn waqt li hi ghandha dritt ta' kollox fuq dan il-passagg*."

Il-Qorti fliet bir-reqqa l-filmat esebit in atti[5], u minn dan ma setghet tidentifika ebda herra fil-movimenti ta' Gail Berry u lanqas li kienet qieghda tiggestikola fil-konfront tal-imputat meta harget mill-karozza u avvicinatu. Effettivament, ghalkemm ma jistema' ebda diskors fil-filmat, mill-atti ma jirrizulta xejn provokanti fl-agir ta' Gail Berry fil-konfront tal-imputat, u dan minkejja li kien l-imputat innifsu li, kif stqarr huwa stess, ghalaq il-hrug taghhom billi pparkja l-vettura tieghu quddiem ix-xatba.

Infatti, l-imputat fid-depozizzjoni tieghu quddiem il-Qorti, stqarr illi:-

---

[3] Fol. 125, xhieda tal-imputat tat-23 ta' Jannar 2018.

[4] Fol. 125.

[5] L-imputat innifsu jikkonferma fix-xhieda tieghu illi r-ritratti esebiti fl-envelope kannella Dok. NVX a fol 50 huma ritratti tad-drive-in fejn sehh il-kaz, tal-vettura involuta fl-incident u ta' dak li sehh dakinhar, u fil-fatt gharafhom li gew mehuda mis-CCTV camera tieghu stess u kien huwa stess li ghadda l-filmati lill-Pulizija (fol. 126).

"*Gail Berry harget bil-karozza harget god-drive in u talbitni biex innehhi l-karozza biex huma jkunu jistghu johorgu u staqsietni ghaliex kont poggejt il-karozza hemmhekk.*"[6]

Stqarr ukoll illi:-

"*Huwa minnu li meta Gail harget minn gewwa kull ma qaltli hija biex jiena mmexxi l-karozza u fil-fatt baqghet miexja fid-direzzjoni tieghi.*"

Qal ukoll:-

"*… forsi kont naqra rrabbjat jew ghajjien. Kont qisni naqra ffastidjat ghaliex hsibt li ma hadux pjacir li mort noqghod hdejhom*".

Ikkunsidrat;

Illi huwa evidenti illi l-imputat jipprova jaghti l-impressjoni li huwa kien f'xi stat ta' agitazzjoni tal-mohh meta Gail Berry harget mill-karozza u riedet tkun taf ghaliex kien imblokka l-hrug taghhom mill-grada.

Izda, il-Qorti ma tirravvizax illi l-fatti ta' dan il-kaz jinkwadraw fl-"*agitazzjoni tal-mohh*" kontemplata fil-paragrafu (c) tal-Artikolu 227 tal-Kodici Kriminali, u dan ghaliex huwa pacifiku fil-gurisprudenza u anke jirrizulta manifest mid-dicitura tal-ligi stess, illi dan il-paragrafu jaghti l-beneficcju tal-attenwanti biss meta l-provokazzjoni, ossia l-att provokatorju, ikun tali li f'nies ta' temperament ordinarju, komunement igib l-effett li dak li jkun ma jkunx jista' jqis l-effett tad-delitt.

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Tabone** deciza fis-26 ta' Awwissu 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:-

[6] Fol. 126.

"*... biex provokazzjoni tkun tista titqies bhala skuzanti, trid tissodisfa r-rekwiziti kollha tal-proviso ta' l-Artiklu 227 (c). Fost dawn ir-rekwiziti li l-provokazzjoni trid tkun tali "li f'nies ta' temperament ordinarju komunament iggib l-effett li ma jkunx kapaci li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt.*"

Fil-fatt il-Professur Mamo fin-noti tieghu[7], jghid illi
"*the test to be applied is whether the provocation was sufficient to deprive a reasonable man, a man of ordinary temperament, of his self-control, not whether it was sufficient to deprive of his self-control the particular person charged*".

Dan stabbilit, biex jigi deciz jekk dan l-iskuzanti jista' jghodd fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, il-Qorti trid tara jekk bniedem ta' temperament ordinarju kienx jasal biex jaghmel dan il-att taht il-provokazzjoni deskritt mill-imputat.

Il-Qorti tifhem illi kien hemm sfond ta' dizgwid bejn l-imputat u l-familja ta' Luke Sant dwar xi proprjeta` in komun bejniethom fl-inhawi fejn sehh l-incident, u bil-kwistjoni ilha tbaqbaq tista' tifhem ukoll illi l-imputat kien irrabjat bil-fatt illi Gail Berry u Luke Sant ghal darb'ohra hallew ix-xatba miftuha. Tqis ukoll illi f'dan l-isfond l-imputat seta' sabha iktar difficli minn persuni ohrajn illi jittollera nuqqas ta' prudenza ta' haddiehor fil-konfront tieghu u jikkalibra tajjeb ir-rejazzjoni tieghu, izda madanakollu in-nuqqas ta' prudenza ta' persuna ma jintitolax persuna ohra li taggredixxi lilha jew lill-proprjeta` taghha bil-mod vjolenti kif ghamel l-imputat f'dan il-kaz. Ghall-Qorti, dan il-komportament huwa inaccettabbli.

Huwa evidenti illi l-imputat irrejagixxa f'estrem ta' nuqqas ta' proporzonalita` li ma jistax, fil-kwadru tal-fatti ta' dan il-kaz, jigi gustifikat b'agitazzjoni tal-mohh bhala skuzanti, anke ghaliex ma jirrizultax illi Gail Berry ghamlet jew qalet xi haga li setghet tipprovoka rejazzjoni daqshekk salvagg da parti tal-imputat. Effettivament, il-Qorti tqis illi r-rejazzjoni tal-imputat mhux biss kienet estrema izda lanqas kienet imqanqla minn xi agir li jista' jitqies bhala provokatorju da

[7] Pagna 241.

parti ta' Gail Barry jew Luke Sant. Jekk il-fatt li hallew il-grada miftuha u l-fatt li Gail Berry harget mill-karozza biex tara ghaliex ma riedx ihallihom johorgu, seta' tqies mill-imputat bhala wiehed provokanti, dan zgur ma jistax jigi kkunsidrat hekk mill-perspettiva ta' bniedem ta' temperament normali. Fuq kollox, il-Qorti ma tistax twarrab il-fatt illi l-imputat innifsu waqt ix-xhieda tieghu, stqarr li dak il-hin huwa kien qed ihossu ghajjien u ffastidjat. Huwa proprju dan l-istat kif deskritt mill-imputat stess li gieghlu jinterpreta l-agir tal-persuni l-ohra bhala provokazzjoni u li wasslu biex jirrejagixxi bil-mod estrem li effettivament irrejagixxa - u certament mhux il-mod kif imxew mieghu l-imsemmija persuni.

Ghaldaqstant, il-Qorti filwaqt li ma tqisx li hemm xi skuzanti li tghodd bhala gustifikazzjoni ghall-agir tal-imputat f'dan il-kaz, issib li l-imputat huwa hati tal-ewwel imputazzjoni.

Kwantu ghall-valur tal-hsara kkagunata fil-vettura FCD-823 bhala konsegwenza ta' dan ir-reat, ghad-detriment ta' Gail Berry, l-espert nominat mill-Qorti, il-Prokuratur Legali Quentin Tanti ikkonkluda illi l-ispejjez ghat-tiswija ta' dawn il-hsarat jammontaw komplessivament ghas-somma ta' €2,332.82[8]. Ghaldaqstant, jirrizulta li l-hsara tinkwadra fid-dispozizzjonijiet tal-paragrafu (b) tal-Artikolu 325(1) u mhux tal-paragrafu (a) tal-istess Artikolu kif gie addebitat fl-ewwel akkuza.

**<u>It-Tieni Imputazzjoni</u>**

Illi l-Qorti tibda billi tosserva illi sabiex jissussisti r-reat tal-offiza volontarja, hija mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Fid-decizjoni fl-ismijiet

[8] Dok. QT1 a fol.161.

**Il-Pulizija vs Emanuel Zammit**, moghtija fit-30 ta' Marzu 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:-

"*Jekk l-intenzjoni ta' l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hi zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu jrid iwiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta' l-ghemil tieghu."*

Fir-rigward izda, ta' tentattiv tar-reat tal-offiza volontarja, li bih l-imputat qed jigi mixli bit-tieni imputazzjoni, l-awtur Francesco Antolisei filwaqt li jirrikonoxxi illi l-guristi m'humiex kollha konkordi dwar jekk jistax jigi rravvizat it-tentattiv ta' offiza gravi, jghid hekk fir-rigward:-

*"Quanto al tentattivo, la nostra concezione porta ad ammettere che possa verificarsi anche nei confronti della lesione grave e della lesione gravissima. Che dal punto di vista naturalistico un tale tentattivo sia ipotizzabile, non è dubbio e per convincersene basta pensare al caso, tutt' altro che infrequente nella pratica, dell' individuo che getta del vetriolo contro una persona col preciso intento di sfregarla, senza riuscire a colpirla nel viso."*[9]

Dan l-insenjament gie affermat u applikat mill-qrati taghna f'diversi sentenzi, fosthom mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Dominic Briffa**[10] fejn, b'referenza ghal dak li jghid l-Antolisei in propositu, fissret illi:-

*"Din il-Qorti tara li dan il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accettata mill-Qrati tal-Gustizja Kriminali taghna u cioe li jista jkollok tentattiv ta' offiza gravi jew gravissima purche jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda minn dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew gravissima skond il-kaz."*

[9] 'Manuale di Diritto Penale', Parte Speciale 1 Pagna 79 (9° edizione, 1986)
[10] [Superjuri]. Deciza fis-16 ta' Ottubru 2003

In materja ta' tentattiv ta' delitt, inkluz ghalhekk tentattiv ta' offiza gravi fuq il-persuna, l-Artikolu 41(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li huwa l-provvediment tal-ligi rilevanti ghall-kaz in ezami, jipprovdi li

*"Kull min bil-hsieb li jaghmel delitt juri dan il-hsieb b'atti esterni u jaghti bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, jehel, meta jinsab hati, barra minn meta l-ligi tghid espressament xort' ohra – (a) jekk id-delitt ma jkunx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tal-hati, il-piena stabbilita ghad-delitt ikkunsmat imnaqqsa grad jew zewg gradi."*

Kif osservat mill-Professur Mamo fin-Noti tieghu:-

"*... upon an analysis of this definition, it will appear that three elements are essential to constitute a criminal attempt, that is to say – 1. An overt act manifesting the intent to commit a crime; 2. A commencement of the execution of the crime; and 3. The non-completion of the crime by reason of accidental circumstances independent of the will of the offender*".

Ikkunsidrat;

Illi b'applikazzjoni ta' dawn il-principji ghall-kaz in ezami, dak li ghandu jigi stabbilit ghad-determinazzjoni tat-tieni imputazzjoni, huwa jekk l-imputat kellux l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda mill-konsegwenzi tal-offiza gravi fuq il-persuna ta' Gail Berry u Luke Sant. Jekk kienx hemm din l-intenzjoni jew le, hija kwistjoni ta' fatt li ghandu jigi aggudikat mill-Qorti billi tiehu kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, fosthom tan-natura tal-istrument uzat u tal-parti tal-gisem li lejha kien indirizzat dak l-istrument[11].

[11] Ara fir-rigward is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali [Inferjuri] fl-ismiijiet Il-Pulizija vs Mariano sive Mario Camilleri, deciza fit-8 ta' Frar 2002.

Huwa indiskuss illi hawnhekk si tratta ta' addebitu ta' tentattiv tad-delitt ta' offizi gravi, stante illi ma jirrizultax illi bhala fatt, xi wiehed mill-partijiet allegatament offizi, effettivament soffrew griehi ta' natura gravi. Mill-provi jirrizulta illi meta gew ezaminati fl-4 ta' Awwissu 2015, Gail Berry u Luke Sant kienu qed isofru minn griehi ta' natura hafifa. Jinghad illi kieku kellu jirrizulta mill-provi processwali illi in effetti, xi wiehed mill-partijiet allegatament offizi garrab griehi ta' natura gravi bhala konsegwenza tal-agir tal-imputat f'dan il-kaz, allura wiehed ma jistax jitkellem iktar fuq tentattiv tad-delitt izda fuq id-delitt ikkonsmat, li huwa reat distint li m'huwiex kompriz fl-addebitu tat-tentattiv.

Mill-provi prodotti f'dan il-kaz, senjatament mix-xhieda ta' Gail Berry, Luke Sant, kif ukoll tal-imputat innfisu - liema testimonjanza l-Qorti ma tistax ma tosservax hija konkordi f'dawk li huma l-*iter* u l-fatti saljenti tal-incident u hija wkoll sorretta pjenament mir-rizultanzi tal-filmat CCTV esebita in atti – m'huwiex kontestat u f'kull kaz jirrizulta manifestament, illi l-imputat qala' l-gebel mill-hajt tas-sejjieh u waddab diversi gebel fid-direzzjoni generali tal-vettura ta' Gail Berry. Madanakollu, b'daqshekk ma jfissirx illi gie ppruvat illi l-imputat kellu l-intenzjoni specifika illi jwettaq offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Gail Berry u/jew ta' Luke Sant.

L-imputat li ghazel illi jixhed quddiem il-Qorti, mill-ewwel jaccetta u f'ebda mument ma jikkontesta illi huwa tefa' l-gebel. Hu qal hekk fir-rigward:-

"*Dak il-hin* [Gail Berry] *bdiet tghidli biex nnehhi l-karozza b'xi dritt u jiena ntlift u tfajt gebla fuq il-windscreen*".

L-imputat kompla jispjega:

*"Jiena ma tfajtx il-gebla fid-direzzjoni ta' Gail, izda tfajtha fid-direzzjoni tal-vettura".*

**Kwantu ghal Gail Berry**, hija stess xehdet illi kif harget mill-karozza u bdiet riesqa lejn l-imputat, li kien wara l-hajt tas-sejjieh li jidher fir-ritratti, huwa qabad gebla mill-istess hajt tas-sejjieh u qalilha:-

"*Idhol 'il gewwa ghax noqtlok bhalissa." ... Qalli: 'Ersaq minn quddiemi ghax noqtlok bhalissa" U dhalt fil-karozza u sakemm qed indur, nisma' CUMM. Kif tefa' l-ewwel gebla u giet fuq il-windscreen ... U jitfghalna l-gebel u jghidilna: "Idhlu l-gewwa u aqbzuli l-barra minn hawn ghax hawnhekk kollu tieghi" .... U dhalt u dan baqa' jitfghalna l-gebel, ghandi gebla ghadha fil-karozza, fiha daqshekk. Ghaddiet minn ma' ras Luke. U tbaxxa hekk biex ma tolqtlux. U baqa' jitfa'.*"[12]

Il-Qorti tosserva illi fix-xhieda tieghu Luke Sant ma qalx li l-imputat waddab xi gebel lejn Gail Berry. Luke Sant, li kien u baqa' fil-karozza l-hin kollu[13], spjega kif il-gebel li tefa' l-imputat laqtu l-karozza, u xehed ukoll illi l-imputat ipprova jitfa' gebel fid-direzzjoni tieghu, tant illi spiccaw gewwa l-karozza.

Din il-verzjoni hija konfortata pjenament mill-filmat esebit in atti bhala Dok NV1, liema filmat il-Qorti hadet konjizzjoni tieghu. Huwa evidenti illi l-imputat qabad gebla mill-hajt tas-sejjieh u bil-mossi li jidhru fil-filmat, hedded lil Gail Berry li sejjer iwaddbu lejha. Din il-gebla l-imputat, wara ftit sekondi, waddbu bis-sahha lejn il-karozza fuq il-windscreen, u mhux lejn id-direzzjoni ta' Gail Berry.

Il-Qorti osservat kif sussegwentement l-imputat tefa' wkoll gebla ohra fuq il-windscreen tal-vettura meta huwa kien direttament quddiem il-vettura, u dan

[12] Xhieda ta' Gail Berry – foi. 56.
[13] Ara fol. 74.

meta Gail Berry kienet dahlet fil-vettura biex hi u Luke Sant jipprovaw jitilqu minn fuq il-post. Huwa manifest illi bl-impatt ta' din il-gebla fuq il-windscreen, il-hgieg tal-windscreen tfarrak, kif del resto jidher fir-ritratti tal-hsarat subiti fil-vettura kawza t-tfigh tal-gebel mill-imputat. Madanakollu, minn ezami bir-reqqa tal-filmat, jirrizulta illi l-imputat ghalkemm ghall-bidu, qabel tefa' din il-gebla fuq il-windscreen, jidher li kien sejjer jitfaghha bla hsieb u bis-sahha *at very close range*, waqaf hesrem u ghal sekonda jew tnejn ta' ezistazzjoni, deher incert jekk ghandux jitfa' l-gebla minn fejn kien, jew le. Imbaghad, wara xi sekondi ta' kalkolu, l-imputat jidher jitfa' l-gebla b'inqas sahha u ezattament fic-centru tal-windscreen u kwindi mhux immirata lejn xi hadd in partikolari li kien fil-vettura. Minn dan kollu, u b'mod partikolari wara li rat il-filmat esebit bhala Dok. NV1, il-Qorti m'hijiex moralment konvinta illi l-imputat kellu l-intenzjoni illi jifta' l-gebel lejn Gail Berry biex jolqotha, ghaliex tant kienet vicina tieghu meta marret tkellmu wara c-cint, illi huwa seta' facilment jolqotha kieku verament kellu dan il-hsieb. Lanqas jirrizulta li hija kienet fil-mira tal-gebel li huwa kien qed iwaddab f'dan l-incident. Wisq inqas, allura, tista' l-Qorti tasal biex taccetta illi l-imputat kellu l-intenzjoni li jikkaguna offizi ta' natura gravi lill-imsemmija Gail Berry, *multo magis* meta jirrizulta li huwa ma laqat ebda parti mill-persuna taghha ghalkemm huwa seta' jaghmel dan minghajr xkiel. Wara kollox, kien l-imputat stess, kif xehdet Gail Berry, li qalilha biex twarrab minn quddiemu. Minn dan, l-Qorti fehmet li l-imputat kien intiz illi jitfa' l-gebel biex jaghmel il-hsara izda mhux specifikatament lil Gail Berry, anzi ried jevita li lilha jolqotha bil-gebel. Il-hsieb tieghu evidentement, kien dirett lejn soggett iehor.

Konformement, il-Qorti ma tistax tikkonkludi illi jirrizulta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni illi kienet l-intenzjoni tal-imputat illi jikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Gail Berry billi bil-gebel jolqot xi parti minn gisimha li kieku intlaqtet mill-istrument li kien qed juza, kienet tikkaguna din in-natura ta' offiza. Madanakollu, huwa evidenti minn dan kollu li l-imputat kellu l-hsieb li jaghmel hsara izda mhux li jikkaguna xi tip ta' offizi fuq il-persuna ta'

Gail Berry, wisq anqas offizi fin-natura rravvizata fl-Artikolu 216 u 218 tal-Kapitolu 9.

Ikkunsidrat;

**Kwantu ghal Luke Sant**, izda, il-Qorti tqis illi l-fatti juru mod iehor. Ghalkemm l-imputat meta xehed, jichad li waddab xi gebel fid-direzzjoni ta’ Gail Berry u ta’ Luke Sant u qal li ried jolqot biss il-vettura, il-Qorti ma tistax twarrab il-fatt inkontestat illi fl-istess vettura dak il-hin, bilqieghda fuq in-naha tax-xufier li kienet in-naha l-iktar qrib tieghu, kien hemm Luke Sant, li kien qed isuq il-vettura. Kif diga` ntqal, Gail Berry xehdet illi l-gebel li waddab l-imputat spicca fil-karozza u li gebla minnhom “*Ghaddiet minn ma’ ras Luke*”[14]. Dwar dan, l-istess Luke Sant jghid illi l-gebel:

*“Laqtu lill-karozza u ghandi xorti li ma laqtux lili. Ghax dahlet wahda li ghadha fil-karozza, sallum. ... ppruvajt naghlaq it-twieqi biex ma jwegganix u xorta kompla jwaddab mal-hgiega maghluqa tieghi.*”

Ix-xhud kompla jispjega illi kellu jirriversja l-karozza biex jahrab mill-imputat.
Il-Qorti ma tistax ma tiehux qies tad-distanza qasira ferm li kien hemm bejn l-imputat wara c-cint, u l-vettura li fiha kien hemm Luke Sant waqt li huwa kien qed iwaddab il-gebel. Il-Qorti tqis li l-filmat ma jhalli ebda dubju illi t-tieni gebla, l-imputat waddabha bis-sahha u direttament got-tieqa tal-bieba tan-naha tax-xufier fejn kien hemm bilqieghda Luke Sant. Effettivament, kif jirrizulta mix-xhieda, il-gebel spicca fuq is-seat tal-vettura. Luke Sant kompla jispjega illi huwa pprova jaghlaq il-hgiega biex jevita li jkompli jintlaqat bil-gebel ghaliex, anke kif jirrizulta manifest mill-filmat, l-imputat baqa’ jimmira l-gebel direttament lejn Luke Sant anke meta kien car li huwa kien qed jipprova jitlaq bil-vettura minn fuq il-post. Mill-konstatazzjonijiet li ghamel l-espert nominat

[14] Fol. 57.

mill-Qorti il-PL Quentin Tanti, ukoll jirrizulta li l-hgieg tal-bieba tax-xufier (fuq il-lemin) garrab hsara bit-tfigh tal-gebel[15].

Il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa l-filmat u wara li qieset ix-xhieda tqis illi fil-kwadru tal-fatti ta' dan l-incident, jirrizulta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni illi l-imputat kien ifforma l-intenzjoni specifika mhux biss li jikkaguna hsara izda li jikkawza griehi gravi fuq il-persuna ta' Luke Sant. Dan huwa manifestat fis-sahha li biha l-imputat waddab talanqas it-tieni gebla, u dan direttament got-tieqa tal-bieba tax-xufier fejn kien bilqieghda Luke Sant, maghdud maghha l-ftit distanza bejnu u bejn l-imputat meta attwalment waddab il-gebla. Fil-fehma tal-Qorti f'dawn ic-cirkostanzi hija inevitabbli l-konkluzjoni li l-gebla mitfugha mill-imputat kienet indirrizzata lejn ras ix-xufier. Il-fatt illi x-xufier deher illi zgicca l-impatt ghaliex talanqas fil-kaz tat-tieni gebla, irnexxielu jbaxxi rasu tempestivament, u l-fatt illi r-rizultat finali ma ssarrafx f'offiza la ta' natura gravi u lanqas ta' natura hafifa, izda f'xokk, ma jnaqqas xejn minn dan il-konvinciment.

Fil-fehma ta' din il-Qorti huwa car illi l-mezzi adoperati mill-imputat setghu kwazi inevitabbilment jikkawzaw feriti f'ras Luke Sant kieku dan intlaqat, ta' natura gravi talanqas fis-sens imfisser mill-Artikolu 216 tal-Kapitolu 9. Huwa wkoll manifest illi l-imputat waqaf mill-attakk tieghu ghaliex Luke Sant irnexxilu jizgicca l-gebla kif ukoll eventwalment jitlaq minn fuq il-post bil-vettura.

Ghaldaqstant jikkonfigura r-reat ta' tentattiv ta' ferita gravi fuq il-persuna ta' Luke Sant u l-imputat ghandu jinstab hati tat-tieni imputazzjoni kwantu jirrigwarda l-imsemmi Luke Sant.

---
[15] Fol. 151.

**It-Tielet Imputazzjoni**

Mimzumin ferm il-konsiderazzjonijiet kollha fuq maghmula kwantu ghall-ewwel u t-tieni imputazzjoni, il-Qorti ghandha ssib lill-imputat wkoll hati tal-kontravvenzjoni kontemplat fl-Artikolu 339(1)(b) li jipprovdi hekk:

**339.** *(1) Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-persuna, kull min:-*
… … …
*(b) mingħajr ma jidrob jew isawwat, ihedded bil-ġebel jew bi ħwejjeġ oħra iebsin, jew iwaddabhom, jew jaqbad armi oħra kontra n-nies.*

Kif diga` stabbilit fil-konsiderazzjonijiet li saru riferibbilment ghat-tieni imputazzjoni, hemm provi altru minn sodisfacjenti fl-atti, fosthom il-filmati f'Dok. NV1, illi l-imputat mhux biss hedded lil Gail Berry u lil Luke Sant bil-gebel, izda waddab il-gebel fid-direzzjoni generali ta' dan iz-zewg persuni u konsegwentement, l-imputat ghandu jinsab hati ta' din l-imputazzjoni.

**Ir-Raba` Imputazzjoni**

Rigward ir-reat addebitat fir-raba' akkuza, il-Qorti tqis illi jirrizulta ampjament illi l-imputat hebb ghal Gail Berry u Luke Sant, hekk kif irravvizat fil-kontravvenzjoni taht l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9, izda ma jirrizultax mill-provi illi tista' tinsab htija ghar-reat kontemplat mill-Artikolu 221 tal-istess Kapitolu 9, talanqas fil-konfront ta' Gail Berry.

Il-Qorti tosserva illi l-griehi li gew ikkonstatati fuq il-persuna ta' Gail Berry fl-4 ta' Awwissu 2015, gew deskritti fic-certifikat mediku esebit a fol. 21 bhala grif superficjali fl-irkoppa u fil-pala tas-sieq, u kif gie affermat mit-Tabib Dr Owen Mifsud meta xehed quddiem il-Qorti, dawn il-feriti kienu ta' natura hafifa. Izda, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi fix-xhieda taghha, Gail Berry f'ebda mument ma qalet li waqt l-incident soffriet xi grif f'saqajha: ix-xhud fit-testimonjanza

taghha ghamlet accenn biss ghal demm fl-awrina u mhux ghal xi grif kif deskritt fic-certifikat mediku. Ghalhekk il-Qorti tista' biss tassumi illi l-grif li evidentement garrbet kien rizultat tal-gebel li tefa' l-imputat, u certament ma tistax teskludi li l-grif huwa rizultat ta' fattur mhux konness mal-azzjonijiet tal-imputat. Wara kollox, Gail Berry ma xehditx li hija ntlaqtet minn xi gebla, u mill-provi ma jirrizultax lanqas kif ix-xhud setghet garrbet dan il-grif.

Ghalkemm Gail Berry xehdet li kellha demm fl-awrina, liema demm hija attribwietu ghall-agir tal-imputat, ma tressqet l-ebda prova li tistabbilixxi li hija effettivament garrbet din il-konsenwenza wisq inqas li din hija dovuta lill-azzjonijiet tal-imputat f'dan l-incident.

Fir-rigward ta' Luke Sant, ghalkemm huwa xehed[16] illi garrab xi grif tal-hgieg li tfarrak bil-gebel li tefa' l-imputat, mill-provi li tressqu ma jirrizultax li huwa garrab xi feriti fizici izda xokk, bhala rizultat tal-incident. Dan huwa konfermat mix-xhieda ta' Dr. Owen Mifsud li qal illi meta ezaminah ma rax feriti u kkonferma li Luke Sant kien qed ibati minn xokk biss. Fil-fatt, fic-certifikat li huwa hejja, hemm mitkub "*slight save complications*". Dan, fil-fehma tal-Qorti u fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 214 tal-Kapitolu 9, huwa kaz ta' offiza ta' natura hafifa, izda billi ma jirrizultax li x-xokk halla xi effett fuq il-gisem ta' Luke Sant, u lanqas jidher li halla effett moralment, ghandu jitqies bhala offiza ta' importanza zghira a tenur tal-Artikolu 221(3) u ghaldaqstant huma applikabbli l-pieni tal-kontravvenzjonijiet.

Ghaldaqstant, l-imputat qed jinsab hati li hebb ghal Gail Berry u ghal Luke Sant, u illi kkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Luke Sant.

---

[16] Fol. 77

## Il-Hames Imputazzjoni

Dwar il-hames imputazzjoni, li tirreferi ghall-Artikolu 251B tal-Kapitolu 9, il-Qorti tosserva mill-ewwel illi l-imputazzjoni hija miktuba b'mod li tirreferi ghal dak li gara f'jum partikolari biss – l-4 ta' Awwissu 2015. Huwa assodat fil-gurisprudenza in materja illi biex ikun hemm htija taht l-Artikolu 251B, irid jirrizulta li jkun hemm *a course of conduct* u dan kif jidher mill-kliem: "*lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażżjonijiet*".

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Jeffrey Scicluna**, deciza fil-21 ta' Frar 2012, il-Qorti tal-Appell Kriminali fissret illi ghalkemm huwa rikonoxxut illi jista' jkun hemm aktar minn okkazzjoni wahda fl-istess jum fejn jista' jkun hemm okkazzjoni ta' biza`, u ghalhekk ikun hemm lok ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 251B, kemm mill-imputazzjoni kif redatta kif ukoll mill-provi mressqa fl-atti tal-kaz odjern, ma jirrizultax li kien hemm *a course of conduct* fl-istess jum li seta' jwassal biex jigi rravvizat ir-reat ipotetizzat fl-Artikolu 251B[17].

Barra minn hekk, ma jirrizultax mill-atti processwali jew mix-xhieda illi l-imputat kien ikkaguna biza` lil Gail Berry u/jew lil Luke Sant f'okkazjoni precedenti, lanqas iktar qabel fl-istess gurnata li gara dan l-incident. Konformement, il-Qorti tqis li ma tistax tinsab htija fl-imputat ghall-hames imputazzjoni kif dedotta, anke ghaliex l-imputazzjoni tirreferi ghal dak li allegatament sehh biss f'hin partikolari, cioe` 5.40 p.m.

Madankollu fil-gurnata in kwistjoni jirrizulta manifest li kien hemm it-theddid, u l-Qorti qed issib lill-imputat hati ta' theddid skont il-kontravenzzjoni 339(1)(e) tal-Kapitolu 9, liema kontravenzjoni, madanakollu, hija diga` kompriza fl-imputazzjoni tmienja tac-citazzjoni li sejra tigi kkunsidrata iktar 'il quddiem.

---

[17] Ara wkoll Pulizija vs Carmel Zammit, deciza 10 ta' Marzu 2014 u u Pulizija vs Neil Attard, deciza 15 ta' Dicembru 2014, entrambi mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

**Is-Sitt u s-Seba' Imputazzjonijiet**

Kwantu s-sitt u s-seba' imputazzjonijiet li jaddebitaw lill-imputat il-kontravvenzjonijiet ravvizati fl-Artikolu 338(1)(bb) u (dd) tal-Kapitolu 9, il-Qorti mill-ewwel tqis illi l-elementi sabiex tinsab htija ghal dawn ir-reati, ma jikkonfigurawx fil-kaz odjern. Dan ghaliex huwa element essenzjali ta' dawn il-kontravvenzjonjiet kontra l-ordni pubbliku, illi l-fatti addebitati jkunu sehhew fil-pubbliku cioe` f'post pubbliku jew almenu li huwa accessibbli ghall-pubbliku. Izda fil-kaz odjern huwa indiskuss illi l-incident li ta lok ghall-akkuzi kollha migjuba kontra l-imputat, sehh gewwa proprjeta` privata. Tant hu hekk illi x-xiehda kollha li xehdu f'dawn il-proceduri, jaqblu li l-passagg ossia *drive-way* li jidher fil-filmat, huwa di proprjeta` komuni bejn l-imputat u l-familja ta' Luke Sant. Effettivament, l-incident innifsu sehh proprju minhabba l-fatt illi l-imsemmi Luke Sant u Gail Berry, meta dahlu bil-karozza go dan id-*drive way* li jaghti sew ghar-residenza tal-imputat u kif ukoll ghal dik ta' Luke Sant, hallew il-grada miftuha. Jirrizulta b'mod manifest mill-provi illi d-dhul u access ghal din il-proprjeta` isir billi wiehed jghaddi mill-kancell li jidher fil-filmat Dok. NV1, liema kancell skont l-imputat, ikun dejjem maghluq u dak iz-zmien kien ghadu jinghalaq u jinfetah bl-idejn. Dan juri illi evidentement, il-lok fejn sehhew il-fatti li taw lok ghal dawn l-akkuzi, ma huwiex accessibbli ghall-pubbliku izda lill-persuni li jirrisjedu fil-proprjetajiet li wiehed jaccedi ghalihom mill-passagg in kwistjoni. Fir-rigward, l-imputat xehed hekk:-

"*... kont fid-drive in tal-proprjeta` tieghi – kien hemm ftehim bejna u bejn il-familja tal-gharus ta' Gail Berry certu Luke Sant illi din id-drivein tintuza wkoll bhala passagg..... ghaliex jinfed ghall-basement li qieghed fil-proprjeta` ta' Luke Sant.*"

Dan gie affermat mill-Ispettur Mark Mercieca li kkonferma fix-xhieda tieghu[18] illi l-passagg fejn sehh l-incident jappartjeni lill-imputat ghax jinsab magenb ir-residenza tieghu, u lill-famija ta' Luke Sant:-

"*ghandu jigi ccarat li din il-proprjeta` hija taz-zewg (2) familji. U ghandhom xi kwistjoni civilment ghaddejja fuqha*."

L-ispettur Nicholas Vella wkoll xehed hekk fir-rigward[19]:-

"*U wkoll kien hemm xi gebel fi triq privat li taghti access ghal zewg (2) residenzi*."

Ghaldaqstant, il-Qorti ma tistax issib htija fl-imputat ghas-sitt u s-seba' imputazzjonijiet.

**<u>It-Tmien Imputazzjoni</u>**

Madanakollu, il-kontravvenzjoni rravvizata fl-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9, li biha qed jigi mixli l-imputat fit-tmien akkuza, billi hija kontravvenzjoni kontra l-persuna, ma tehtiegx li l-fatt li jaghti lok ghar-reat isehh fil-pubbliku. Dan l-Artikolu jistipola illi huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-persuna kull min:-

*"jagħmel lil ħaddieħor inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk ikun ipprovokat, jinġurja b'mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni."*

Il-Qorti fir-rigward hadet qies ta' dak li xehdet Gail Berry meta fissret illi l-imputat qalilha l-kliem oxxen li hija rreferiet ghalih fix-xhieda taghha[20], u ma tqisx illi ghandha taghti affidabbilita` lix-xhieda tal-imputat meta qal illi "*jista' jkun li dak il-hin ghidtilhom xi kelma hazina u offendejthom pero mhux minnu li*

[18] Seduta 23 ta' Ottubru 2015.
[19] Fol. 27
[20] Fol. 56.

*dghajt jew heddidthom*". Il-Qorti tikkunsidra illi l-verzjoni ta' Gail Berry dwar il-kliem li ntqal mill-imputat dak il-hin, bhala ferm iktar kredibbli tenut kont tac-cirkostanzi li fihom sehh dan il-kaz u mill-komportament tal-imputat kif jidher fil-filmat Dok. NV1. Barra minn hekk, il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju lanqas illi l-imputat hedded lil Gail Berry kif ukoll lil Luke Sant, u ghaldaqstant, tikkonkludi li hemm htija fl-imputat ghall-kontravvenzjoni ipotizzata fl-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Illi mizmum ferm dak kollu fuq ikkunsidrat u deciz, il-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni, tat-tieni u t-tielet imputazzjoni limitatament kwantu ghal Luke Sant, tar-raba' imputazzjoni, kif ukoll it-tmien imputazzjoni. It-tielet imputazzjoni, parti mir-raba' imputazzjoni, it-tmien imputazzjoni kif ukoll il-piena applikabbli ghall-parti ohra mir-raba' imputazzjoni, huma ta' natura kontravvenzjonali, filwaqt illi l-ewwel u t-tieni imputazzjoni huma ta' natura delittwali.

Meta giet biex teroga l-piena ghal dawn l-imputazzjonijiet li taghhom l-imputat qed jinsab hati, il-Qorti hadet diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom is-serjeta` tal-akkuzi migjuba kontra l-imputat u l-fatt illi dawn ir-reati gew kommessi minghajr ebda provokazzjoni, izda hadet ukoll qies tal-fedna penali netta tal-imputat kif ukoll, b'mod partikolari, il-fatt illi l-imputat ikkoopera b'mod shih mal-Pulizija fl-investigazzjonijiet taghha dwar dan il-kaz, tant illi mar minn jeddu jirrapporta l-incident, offra li jmur mal-Pulizija fuq il-post biex ifehemhom ahjar kif gara l-kaz u sahansitra ghadda kopja dak il-hin lill-Pulizija tal-filmati mill-cameras tieghu stess li kienu armati fuq il-post u li rregistraw dak kollu li gara. Kienu dawn il-filmati li wara kollox, effettivament assodaw il-htija tieghu ghall-akkuzi li taghhom qed jinstab hati. Huwa wkoll evidenti li l-imputat mill-ewwel irrikonoxxa li zbalja, iddispjacih ghal dak li ghamel u wera soghba

ghall-azzjonijiet tieghu. Dan jirrizulta kemm mill-verzjoni li huwa ta *a tempor vergine* li tinsab imnizzla fl-okkorrenza, mill-istqarrija tieghu, u kif ukoll mix-xhieda tal-ufficjali tal-pulizija f'dawn il-proceduri, u mid-depozizzjoni tal-istess imputat quddiem il-Qorti. L-imputat xehed hekk:-

"*jiena dak il-hin stess indunajt li zbaljajt li ma kellix naghmel hekk fil-fatt qbadt il-karozza u minn raja mort l-ghassa tal-Mosta biex nghid lill-Pulizija effettivament x'kien gara.*"[21]

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi illi filwaqt illi ma ssibx lill-imputat hati tar-raba' imputazzjoni li kkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Gail Berry, kif ukoll tal-hames, is-sitt u s-seba' imputazzjoni u tilliberah minnhom, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 41(1), 214, 215, 216, 221(1), 221(3)(b), 325(1)(b), 339(1)(b)(d) u (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat CHRISTOPHER SANT hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u t-tmien imputazzjoni, kif ukoll tar-raba' imputazzjoni kwantu li hebb ghal Gail Berry u ghal Luke Sant u li kkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Luke Sant, u tikkundannah prigunerija ghal zmien tnax (12)-il xahar, izda, peress illi fil-fehma tal-Qorti fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz jissussistu ragunijiet validi biex it-terminu ta' prigunerija jigi sospiz bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta' tmintax (18)-il xahar mil-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija.**

**Wara li rat l-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda tordna lil CHRISTOPHER SANT li jhallas lill-parti offiza Gail**

[21] Fol. 125.

**Berry s-somma komplessiva ta' elfejn, tliet mija u tletin Euro (€2,330) bhala kumpens ghad-danni kkagunati ghad-detriment tal-imsemmija parti offiza permezz tar-reat li tieghu l-imputat qieghed jinstab hati fl-ewwel imputazzjoni, liema hlas ghandu jsir fi zmien mhux aktar tard minn sitt (6) xhur mil-lum.**

**Ai termini tal-Artikolu 28A(4) u 28G(8) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-hati, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija u/jew jekk ikun hemm nuqqas ta' konformita` ma` l-ordni mahrug bis-sahha ta` l-Artikolu 28G.**

**Il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, biex tipprovdi ghas-sigurta` ta' Gail Berry u Luke Sant u sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, qieghda torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' hames mitt Euro (€500) ghal zmien sena mil-lum.**

**Dr. Rachel Montebello**
**Magistrat**